**10 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

May sive Maria Dolores Gili et.

*versus*

Paul Axiak

**Board tal-Kera — Sentenza — Korrezzjoni — Żball fl-Okkju tal-Kawża — Kompetenza — Proċedura — Art. 175 tal-Proċedura Ċivili — Art. 21 tal-Kap. 109.**

*Kompetenti b'ex jieħu konjizzjoni ta' talba għall-korrezzjoni tal-okkju f'sentenza mogħtija mill-Board tal-Kera huwa l-istess Board li ppronunzja s-sentenza.*

*Il-proċedura li għandha tiġi adottata għal din it-talba hija dik ta' rikors.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li biha talbu li l-Board jordna l-korrezzjoni tas-sentenza tiegħu tat-12 ta' Jannar 1960, mogħtija fl-ismijiet fuq indikati, billi fl-okkju jiġu mħassra l-ismijiet "Mary Gili" u sostitwiti "May sive Maria Dolores mart Guido Gili minnu assistita u l-istess Guido Gili bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti"; u dan billi fl-imsemmija sentenza l-Board indika lill-esponenti bl-isem ta' May, u fl-istess sentenza, minflok li l-okkju tal-kawża ġie riportat kollu, il-partijiet ġew indikati bħala "Mary Gili et. vs. Paul Axiak";

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Board tat-28 ta' April 1960, li biha ddeċieda billi ddikjara illi huwa inkompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti, u perkonsegwenza llibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; wara li kkunsidra;

Illi l-fatti huma kif esposti fir-rikors, u fuqhom ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. L-intimat, però, jissottometti illi l-proċedura mhix regolari, u t-talba, jekk qatt hija sostenibbli, kellha ssir mhux per mezz ta' rikors, u mhux quddiem dan il-Board;

Illi għall-korrezzjoni ta' sentenza hemm żewġ rimedji: dak ordinarju kontemplat fl-art. 828 tal-Kap. 15 (Kod. tal-Proċedura), u dak straordinarju per mezz ta' ċitazzjoni, skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna, u kif ġie reċentement riaffermat u applikat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru 1959 in re "Salvino Schembri et. vs. Joseph Grixti et.";

L-art. 828 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili mhuwiex applikabbli għall-każ. Dan l-artikolu jikkontempla żewġ każi; il-korrezzjoni ta' żball ta' kalkolu, li tista' tingħata fuq talba li ssir f'kull żmien; u l-korrezzjoni ta' żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew tibdil ta' espressjonijiet li ma jkunux ċari jew li jistgħu jiftehmu xort'oħra minn dak li, kif jidher ċar, riedet tfisser il-Qorti, u dan fuq talba li ssir fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-sentenza. L-ewwel każ mhuwiex applikabbli, għaliex fis-sentenza li tagħha qegħdha tintalab il-korrezzjoni ma kien hemm ebda żball ta' kalkolu. Dwar it-tieni każ tal-imsemmi art. 828, it-talba ma saretx fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-sentenza; għaliex din ġiet mogħtija fit-12 ta' Jannar 1960 (dok. A), mentri r-rikors ġie preżentat fis-26 ta' Frar 1960;

Tibqa' għalhekk il-proċedura straordinarja taċ-ċitazzjoni, li ma ġietx segwita mir-rikorrenti. Din it-talba għandha ssir quddiem il-Qrati ordinarji u mhux quddiem dan il-Board, li għandu kompetenza limitata; u dan għaliex il-korrezzjoni mitluba ma tidħolx fil-kompetenza ordinarja li kull Qorti għandha, in virtù tal-art. 828 fuq im-

semmi tal-Proċedura Ċivili, li tikkoreġi ċerti żbalji nkorsi fis-sentenza; tant li s-sentenza stess, fil-każ tal-art. 828(2), anqas ma tkun għaddiet in ġudikat, għaliex it-terminu tal-appell jibda jgħaddi minn dak inhar tad-digriet tal-korrezzjoni;

Bl-interpożizzjoni tal-appell da parti tal-intimat fil-meritu tas-sentenza, u l-konsegwenti ntroduzzjoni tal-atti quddiem il-Qorti tal-Appell, ir-rikors oriġinali ħareġ mill-ġurisdizzjoni ta' dan il-Board, ħlief għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni f'każ ta' konferma; u għalhekk il-Qrati ordinarji biss huma ntitolati li jeżaminaw u jiddeċiedu jekk hemmx lok jew le għall-korrezzjoni mitluba;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmija Gili appellaw minn dik id-deċiżjoni, u talbu li tiġi revokata, u jiġi mnflok deċiż skond it-talba tagħhom għall-korrezzjonijiet meħtieġa; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Ma jidherx li hu kontestat bejn il-partijiet illi, għad li ma hemmx test espress tal-liġi li speċifikament jawtorizza korrezzjonijiet bħal dik mitluba fil-każ preżenti, b'dan kollu korrezzjoni simili hija permessa fil-każijiet kongruwi, kif ġie affermat minn din il-Qorti fil-kawża "Schembri vs. Grixti et.", App. Civ. 23.11.1959, fuq l-istregwa wkoll ta' deċiżjonijiet preċedenti;

Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet huma, inveċe, dawn:—

1. Jekk il-korrezzjoni setgħetx tintalab quddiem il-Board;

2. F'każ affermattiv, setgħetx tintalab b'rikors;

Fuq l-ewwel kwistjoni;

Din kienet korrezzjoni ta' żball ta' pinna u traskriz-

zjoni nkors fl-okkju ta' sentenza mogħtija mill-Board. In linea ta' massima, ma jistgħax ikun hemm dubju illi hija ħaġa idealment deżiderabbli u konvenjenti illi korrezzjoni ta' att jew dokument ta' tribunal, meta tista' ssir, tiġi magħmula mill-istess tribunal. Bħala illustrazzjoni ta' dan, għar-rigward tal-liġi pożittiva, din il-Qorti, fl-applikazzjoni tal-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dejjem irriteniet — non ostanti li hi l-Qorti Suprema — illi ma tistgħax tordna jew tippermetti l-korrezzjoni ta' żbalji fl-attijiet tal-Qorti ta' Prim Istanza, għad li jkunu quddiemha fl-Appell;

Però jgħid l-appellat, il-Board hu tribunal speċjali, u l-ġurisdizzjoni tiegħu hi limitata; hu ma għandux poteri oħra ħlief dawk kontemplati fil-liġi kostitwenti; mill-bqija jidħlu l-Qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja;

Dan il-prinċipju hu veru; iżda, fil-fehma tal-Qorti, ma għandux jiġi spint għall-eċċess. Għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet investiti fih, ċjoè, fi kliem ieħor, rigward il-kawżi li jiġu quddiemu, il-Board, bl-art. 21 tal-Kap. 109, hu mogħti s-setgħat kollha li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha. Fil-Board hija wkoll investita s-setgħa tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu bil-mod preskritt f'dak il-Kodiċi;

Fil-kawża App. Inf. "Fenech vs. Dr. Caruana", 13.3. 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII-I-374), ġie ritenut illi l-ewwel parti tal-art. 21 tal-Kap. 109, hawn fuq imsemmi, tfisser biss illi l-Board għandu l-poteri tal-Prim'Awla "f'materja proċedurali": u t-tieni parti ta' dak l-artikolu tapplika biss għas-"sempliċi eżekuzzjoni" tad-deċiżjonijiet tal-Board. F'dik is-sentenza l-kwistjoni kienet jekk il-Board kienx kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' kawża ta' ratizzazzjoni ta' spejjeż ta' żewġ kawżi li qabel ġew deċiżi minnu; u l-Qorti tal-Appell iddeċidiet, kuntrarjament għal dak li kienet irriteniet il-Qorti Inferjuri, illi kawża ta' ratizzazzjoni ma kienetx kwistjoni biss ta' proċedura jew ta' eżekuzzjoni, u kienet teżorbita mill-ġurisdizzjoni tal-Board;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-każ preżenti hu divers. Hawn si tratta ta' sempliċi materja ta' proċedura. Ma hemmx dubju illi, bis-saħħa tal-ewwel subartikolu tal-imsemmi art. 21, il-Board għandu, "fil-kors tal-kawża quddiemu", l-istess poter li jikkoreġi żbalji fl-atti li, "mutatis mutandis", għandhom il-Qrati ordinarji ta' prima istanza bl-art. 175 tal-Proċedura Ċivili. Lanqas jidher li għandu jkun hemm dubju illi, "wara li tingħata s-sentenza", il-Board għandu wkoll l-istess poter ta' korrezzjoni ta' żbalji kontemplati fl-art. 828 ta' dak il-Kodiċi, meta jirrikorru l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti msemmija f'dak l-artikolu. Il-każ preżenti, bħala fatt, ma jaqgħax taħt dak l-artikolu; imma mill-kumpless tas-sentenza appellata jidher illi, kieku kien jaqa', il-Board ma kienx jikkunsidra ruħu inkompetenti li jieħu konjizzjoni tiegħu;

Issa, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandu jagħmel differenza l-fatt illi fil-każ preżenti r-rimedju mitlub mill-appellanti, flok ma jaqa' taħt l-imsemmi art. 828 jew xi dispożizzjoni oħra espressa tal-liġi tal-proċedura, ġie, minflok, rikonoxxut mill-ġurisprudenza in bażi għall-prinċipji ġenerali tad-dritt proċedurali bħala konfaċenti mad-dispożizzjonijiet pożittivi tal-Kodiċi tal-Proċedura. In-natura sostanzjali tar-rimedji hi l-istess; u kif kien ikun il-Board li jawtorizza korrezzjoni kieku l-każ kien jaqa' taħt l-imsemmi art. 828, ma jidherx li hemm raġuni għaliex ma għandux ikun il-Board li seta' jagħti r-rimedju mitlub fil-każ preżenti, li, kif intqal, hu tal-istess xorta fis-sustanza;

Id-diffikultà msemmija fis-sentenza appellata, ċjoè illi bl-interpożizzjoni tal-appell fil-meritu tas-sentenza u l-introduzzjoni tal-atti ġudizzjarji quddiem din il-Qorti r-rikors oriġinali ħareġ mill-ġurisdizzjoni tal-Board, ma tidherx valida;

L-ewwelnett, fil-każ preżenti, kienet din il-Qorti stess li fl-appell mill-kawża oriġinali ssoprassediet sakemm tkun saret skond il-liġi l-korrezzjoni in kwistjoni. It-tieninett, kieku l-fatt tal-appell fih innifsu, u l-fatt li l-kawża oriġinali issa tinsab taħt il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, kienu jippreklu du l-Board, għall-istess raġuni kienu jippreklu du

wkoll il-Qrati ordinarji ta' prima istanza; anzi, ir-raġuni kienet tkun akbar; għax mentri l-Board kien it-tribunal li qabel kellu l-kawża quddiemu u ddeċidiha, il-Qrati ordinarji qatt ma kellhom x'jaqsmu xejn magħha. Terġa' ukoll, il-fatt biss illi jkun ġie ntrodott appell ma jidherx li per sè jippreskludi r-rimedji kontemplati fl-imsemmi art. 828, u ma jidherx li għandu jippreskludi r-rimedju issa in kwistjoni;

Fil-kors tat-trattazzjoni tal-appell l-appellat għamel analoġija mal-kawżi ta' annullament ta' deċiżjonijiet tal-Board, u qal illi dawn isiru dejjem quddiem il-Qrati ordinarji. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, hu ċar illi l-analoġija ma sseħħx. Dik hi kwistjoni ta' vera sostanza, mentri din hi kwistjoni ta' sempliċi proċedura, intiża unikament biex tikkjarixxi u tagħti effett, bit-tneħħija ta' żball materjali li jidher "ex facie" tal-atti, għad-deċiżjoni tal-Board. Ir-rimedju hu meħtieġ appuntu biex il-kors tal-proċediment kontemplat mill-liġi speċjali, li jinkludi t-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Board, id-deċiżjoni tagħha, l-appell mid-deċiżjoni fejn imiss, u l-possibbiltà tal-eżekuzzjoni, ma jsibx ostakolu f'dak l-iżball materjali;

Għalhekk din il-Qorti hi ta' fehma illi l-Board kien kompetenti li jieħu konjizzjoni tat-talba tal-appellanti;

Tibqa' l-kwistjoni tal-forma li biha kellha ssir it-talba. Fil-kawża "Schembri vs. Grixti", ġa fuq ċitata din il-Qorti approvat il-proċedura li kienet ġiet segwita f'dak il-każ, ċjoè b'ċitazzjoni. Iżda dak il-każ, bħall-każijiet l-oħra preċedenti ċitati fl-istess sentenza, kellu x'jaqsam ma' sentenza tal-Qrati ordinarji ta' prima istanza, u ċ-ċitazzjoni hu l-mod ordinarju li bih wieħed jipproċedi quddiem dawk il-Qrati;

Ġie sottomess mill-appellat waqt it-trattazzjoni tal-appell, illi anki quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha, ċerti proċeduri speċjali konnessi ma' proċediment isiru b'ċitazzjoni. Fuq dan jiġi osservat illi l-att tal-akkuża, li hu l-att li bih normalment jinbdew il-proċedimenti quddiem dik il-Qorti, hu manifestament, minnu nnifsu, inadat-

tabbli għal dawk il-proċeduri, u għalhekk jiftiehem għaliex għalihom ġie adottat il-mezz taċ-ċitazzjoni, li hu, kif intqal, il-mod l-aktar użwali quddiem il-Qrati ordinarji;

Quddiem din il-Qorti tal-Appell ġie deċiż illi, għalkemm il-mod ordinarju hu dak tal-petizzjoni, b'dan kollu kwistjonijiet kollaterali jew aċċessorji għall-ġudizzju prinċipali jitqanqlu per mezz ta' ċitazzjoni (Vol. XXXIV-I-271 u sentenzi hemm ċitati). Però għandu jiġi rilevat illi waħda mir-raġunijiet li wasslu għal dik il-konklużjoni hija dik illi l-petizzjoni, bħala wieħed mir-rekwiżiti tagħha, għandha tikkontjeni t-talba għar-revoka jew riforma tas-sentenza appellata — ħaġa li ma tadattax ruħha għal dawk il-kwistjonijiet kollaterali jew aċċessorji. Fi kwalunkwe każ, dak li rriteniet dik il-ġurisprudenza huwa illi ċitazzjoni hi biżżejjed u li mhux biżżejjed rikors, evidentement għall-istess raġuni fuq imsemmija illi ċ-ċitazzjoni, u mhux ir-rikors, hu l-mezz ordinarju f'materji kontenzjużi quddiem il-Qrati ordinarji, meta l-liġi ma tippreskrivix xort'oħra. Iżda ma jidherx illi qatt inqalgħet il-kwistjoni jew qatt ġie deċiż illi kwistjoni kollaterali jew aċċessorja quddiem din il-Qorti ta' sekonda istanza, tkun, taħt piena ta' nullità, irritwalment istitwita jekk flok ċitazzjoni ssir b'petizzjoni, li hu l-mod ordinarju quddiem din il-Qorti;

Issa, hawn si tratta ta' tribunal speċjali istitwit u organizzat biex il-proċeduri quddiemu jkunu anqas formali, u fejn il-proċedura ordinarja tiegħu hi b'rikors. Jekk f'każ speċjali ta' ritrattazzjoni l-proċedura ssir b'libell (ara XXXII-I-155, 192), dan jiġri għaliex il-proċedura b'dak il-mod hi espressament preskritta mill-liġi (art. 818 K.O.P.Ċ.; Vol. XXXIII-I-46);

Għar-rigward tal-proċedura fil-każ preżenti, xejn ma hemm espressament stabbilit mill-liġi, u l-Qorti ma tħossx li tista' tirritjeni nulla minħabba forma dik il-proċedura meta ġiet istitwita "bil-mod ordinarju applikabbli quddiem dak it-tribunal";

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-deċiżjoni appellata fis-sens li tiddikjara il'i l-Board hu kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-appellanti, u tirrinvija l-atti quddiem dak il-Board għad-deċiżjoni fil-meritu skond il-liġi;

L-ispejjeż, tant tal-prima istanza kemm tal-appell, minħabba n-novità tal-każ, jibqgħu bla taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru li jitħallas mill-appellat.